IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-25 ta' Settembru 2025

Rikors numru: BCT/45/2025 BCT

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Ryan Muscat

vs

L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

Reference is made to the site situated at the location in caption, whereby the undersigned architect and civil engineer is responsible for works being carried out by Mr Ryan Muscat (ID: 052090M). Reference is also made to the notification of a fine imposed on my client dated 1st July 2025 due to breach of Subsidiary Legislation 623.08.

The fine was issued in relation to alleged lack of immediate cleaning of dust from the street fronting the development.

In this regard, the undersigned would like to point out that when the BCA officials inspected the site, the excavation contractor had just left the site with a truckload of debris, and during the trip a fault developed in his truck and thus he could not return immediately to the site until

the fault was repaired. In fact, when the inspection was carried out, the site was closed and the excavation contractor was not on site.

Furthermore, from the photos provided with the notification, which are also being attached in Annex 2 of this appeal, it is also clear that the amount of debris/dust in the street consists in a small quantity of loose gravel at the very edge of the pavement on Triq il-Mithna l-Gdida, whilst on Triq il-Kappillan Magri there was no dust or loose gravel at all.

Hence it is felt that the fine being imposed is disproportionate to the case in question, also keeping in mind the very particular situation of the malfunction in the contractor's truck which led to the delay in returning to the site.

Therefore, in terms of article 44 of Chapter 623 of the Laws of Malta, the fine imposed on my client is being appealed for the reasons outlined above by the undersigned

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

> *1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
> *2. Illi qiegħdin jkunu annessi Trial of Event, immarkat bħala Dok A, u sett ta' ritratti, immarkati bħala Dok B;*
> *3. Illi hekk kif jidher mil-anness Dok A, saru diversi spezzjonijiet mil-Awtorita' fejn dejjem irriżulta, fost diversi ksur, li s-sit u l-viċinanzi tiegħu ma kienux nodfa;*
> *4. Illi kien wara diversi drabi li l-uffiċjali imponew il-penali amministrattiva, u allura l-verżjoni tal-appellanti hija inverosimili;*
> *5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*
> *6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell jittratta penali amministrattiva maħruġa fil-konfront tal-appellant datata l-1 ta' Lulju, 2025 ġewwa s-sit 48, 50 /15, 17, 19, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Kappillan Magri, Mellieħa. Il-bażi tal-penali amministrattiva hija:

Nuqqas ta' tindif immedjat, knis, ħasil jew tneħħija ta' trab mit-triq

In sostenn tal-avviż tagħha, l-Awtorita' preżentat dokument titolat 'Trail of Events' u kif ukoll numru ta' ritratti tas-sit.

Xehed il-Perit Gilbert Bartolo, li huwa l-perit tal-proġett tas-Sit li stqarr li dan kien każ sfortunat fejn l-ispezzjoni saret hekk kif it-trakk li kien inkarigat sabiex jarmi l-materjal li kien hemm fis-sit kien għadu kif ħalla s-sit. Il-kuntrattur ma kienx leħaq naddaf wara l-ħmieġ li kien inqalalu l-imsemmi trakk peress li dan tal-aħħar kienet inqalatlu xi ħsara.

L-Awtorita' straħet fuq dak preżentat mar-risposta u fit-trattazzjoni id-difensur legali tal-Awtorita' irrileva li hekk kif inġibditlu l-attenzjoni lill-kuntrattur, dan ma inaddaf mill-ewwel u dan sabiex jittieħed in konsiderazzjoni mit-Tribunal.

It-Tribunal jibda biex jagħmel referenza għal artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 li jipprovdi:

6.Is-segwenti faċilitajiet u miżuri adegwati għandhom jittieħdu sabiex jiżguraw li s-sit u l-prossimità immedjata tiegħu jinżammu ndaf:

(a)kwalunkwe skart jew debris għandu jinżamm fuq is-sit u jintrema ġo reċipjenti magħluqa ta' l-iskart sabiex jiġi evitat li dawn jinfirxu barra mis-sit għal ġo kwalunkwe żona pubblika bir-riħ, xita jew xi movimenti oħra relatati mal-proċess tax-xogħlijiet;

(b)ix-xogħlijiet m'għandhom joħolqu l-ebda rimi ta' prodotti tat-tindif, żebgħa, żjut, materjal ieħor li jniġġeż, jew skart perikoluż fis-siti pubbliċi jew fis-sistemi ta' drenaġġ jew fil-baħar;

(ċ)tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż;

(d)knis, ħasil jew tneħħija bil-vacuum ta' trab mit-triq;

(e)pits fejn isir il-ħasil, miksers tal-konkos jew tjun u postijiet li jżommu l-kimika għandhom jiġu lokalizzati 'l bogħod minn sistemi ta' drenaġġ u kanali tal-ilma jew proprjetà ta' terzi; u

(f)qabel kwalunkwe moviment ta' vetturi mis-sit ta' kostruzzjoni għal fuq kwalunkwe żona pubblika, dawn għandu jkollhom ir-roti maħsulin minn kull ħmieġ, trab jew xi materjal ieħor li jista' jinġarr fuq żona pubblika u jaqa' fuqha.

Minn dak supraċitat huwa evidenti li huma s-subinċiż (ċ) li huma rilevanti għall-proċeduri odjerni. It-Tribunal jifhem li l-intenzjoni tal-leġislatur wara dawn il-provvedimenti huwa mmirrat sabiex kwalunkwe kostruzzjoni toħloq l-anqas inkonvenjent possibli għal terzi u utenti taż-żoni tal-madwar. B'hekk huwa ċar li kwalunkwe żviluppatur għandu l-obbligu li filwaqt li jagħmel ix-xogħlijiet li jkun awtorizzat li jagħmel, dan jagħmlu billi jżomm iż-żona nadifa. Minkejja dan it-Tribunal japprezza ukoll li tul ix-xogħlijiet, ċertu ħmieġ jista' jiġi kkawżat bħala riżultat tal-istess xogħlijiet u dan huwa inevitabbli. Il-leġislatur stess jirikonoxxi dan fejn jgħid li għandu jkun hemm tindif ta' materjal li "*seta' waqa"*. B'hekk it-Tribunal ma jqisx li l-liġi qed tippretendi li ma jiġix kreat ħmieġ kawża tal-kostruzzjoni iżda li fejn dan isir, l-iżviluppatur jara li dan jiġi mnaddaf.

Fil-każ in kwistjoni ma huwiex ikkontestat li kien hemm ħmieġ li kien preżenti fis-sit. Iżda l-appellant qed jipprova jiġġustifika id-dewmien sabiex it-tindif ikun jista' jsir u dan in vista' tal-ħsara li kienet inqalet fuq it-trakk in kwistjoni. L-Awtorita' ma tikkontestax li hekk kif it-trakk irritorna fuq is-sit dan it-tindif fattwalment seħħ. It-Tribunal iqis, li meħud dan kollu in konsiderazzjoni, senjatament li kien hemm ħmieġ li ġie kkawżat bħala riżultat tax-xogħlijiet,

li l-ħmieġ ma ġiex imnaddaf immedjatament iżda minħabba raġuni li hija meqjusa bħala ġustifika u meħud kont ukoll tal-fatt li t-tindif seħħ hekk kif irritorna lura t-trakk in kwistjoni, it-Tribunal ser jgħaddi sabiex inaqqas il-penali in kwistjoni.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi l-appell billi jilqgħu in parte, u filwaqt li jikkonferma l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva, qiegħed ivarja d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata għar-rigward tal-ammont impost billi jirriduċih għal mitejn ewro (€200).

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru